Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*8 ta' Marzu, 2012*

36/2012

**STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI AMBJENT**

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent tirreferi għall-aħbar li xxandret fil-media, fejn intqal li l-Gvern offra l-possibbiltà li l-Kulleġġ Santu Wistin fil-Pietà juża l-iskola medika ta' Gwardamanġa bħala skola primarja, minflok li jsir bini ġdid.

Il-Kummissjoni temmen li din il-proposta tista' tkun għażla fejn waqt li art mhux mibnija tkun salvata, il-bżonnijiet li jinħassu sabiex inkabbru l-faċilitajiet tal-iskejjel ikunu xorta moqdija. Huwa dan l-istil ta' raġunar li għandna bżonn naslu għalih sabiex naċċertaw li jkollna żvilupp sostenibbli f'dawn il-gżejjer. Huwa żvilupp sensibbli u bil-galbu li waqt li jissodisfa l-bżonnijiet leġittimi (f'dan il-każ, tal-Kulleġġ Santu Wistin), jagħraf juża l-art diġà mibnija, b'mod li ma nnaqqrux aktar mill-ftit riżorsi ambjentali li għad fadlilna (f'dan il-każ: art mhix mibnija).

Il-Kummissjoni tixtieq tfaħħar din il-proposta u tittama li din tista' tgħin biex tinstab l-aħjar soluzzjoni. Nifhmu wkoll li t-twettiq tal-proġett jinvolvi spejjeż għan-naħa tal-iżviluppatur u nittamaw li b'rieda tajba din il-problema tiġi solvuta wkoll.

Aħna ċerti li hemm każijiet oħra fejn l-istess sens ta' galbu u rispett lejn ir-riżorsi ambjentali tagħna jistgħu jgħinuna nagħmlu għażliet li jirriflettu aktar sensibbiltà u responsabbiltà ambjentali. Nemmnu li fejn ikun hemm ir-rieda u l-għarfien sħiħ ta' x'jistgħu jkunu l-impatti tad-diversi għażliet li nistgħu nagħmlu sabiex naqdu aħjar il-bżonnijiet soċjali, kulturali jew ekonomiċi li jista' jkollna, dejjem nistgħu naslu sabiex insibu soluzzjonijiet ġusti.